# L-Istatistika taċ-Ċinemas: 2023

**NR 110/2024** **Data tal-Ħruġ: 17 ta' Ġunju 2024**

*Fl-2023, iċ-ċinemas f'Malta u Għawdex urew 385 titlu differenti ta' films, filwaqt li l-udjenza tagħhom laħqet il-594,087 entratura.*



Fl-2023, kien hemm sitt stabbilimenti taċ-ċinema li kellhom b'kollox 23 skrin u kapaċità ta' 3,881 post bilqiegħda (Tabelli nri 1 u 2). Minn dawn is-sitt ċinemas, tnejn kienu jinsabu f'Għawdex.

Is-sena li għaddiet kienu murijin total ta' 385 titlu ta' film fi 30,742 wirja, u għaldaqstant dan jammonta għal medja ta' 80 wirja għal kull film. Għall-wiri ta' dawn il-films, is-swali taċ-ċinemas rreġistraw udjenza ta' 594,087. Il-produzzjonijiet Maltin, li ħafna minnhom kienu tax-xorta tal-films qosra aktar milli ta' films prinċipali, kellhom 4,884 entratura b'total ta' dħul gross li laħaq is-€20,457 f'143 wirja. Min-naħa l-oħra, produzzjonijiet barranin, li minbarra l-films tradizzjonali kienu jinkludu wkoll iċ-ċinema tal-avvenimenti, kellhom 589,203 entratura b'total ta' dħul gross li ammonta għal €4,488,290 fi 30,599 wirja (Tabella nru 4a).

Matul l-2023, l-udjenzi taċ-ċinema kellhom għażla ta' 385 titlu differenti ta' films, li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu films ta' finzjoni. Dawn il-films ġibdu lejhom 73.8 fil-mija tal-entraturi kollha (Tabella nru 8).

L-aktar films popolari kienu 'Barbie', 'The Little Mermaid' u 'The Super Mario Bros. Movie' li rreġistraw 8.8 fil-mija, 4.7 fil-mija u 4.7 fil-mija oħra tal-entraturi kollha, rispettivament (Tabella nru 9).

Il-biċċa l-kbira tal-films murijin fis-swali taċ-ċinemas kienu kklassifikati bħala "12A" u "15" f'termini tal-klassifikazzjoni tal-età. Fil-fatt, 28.1 fil-mija tal-films ipprojettati fl-2023 kienu kklassifikati bħala "12A", filwaqt li 35.1 fil-mija kienu kklassifikati bħala "15". Min-naħa l-oħra, sebgħa fil-mija biss tal-projezzjonijiet kienu kklassifikati bħala "18" (Tabella nru 10).

Is-sena li għaddiet, 61 fil-mija tal-films murijin damu bejn 76 u 120 minuta (Tabella nru 11). Il-wirjiet tal-tip "Live/Encore", inklużi opri, balletti, u teatru, kellhom l-itwal ħin b'medja ta' 150 minuta. Min-naħa l-oħra, il-films ta' animazzjoni kellhom l-iqsar ħin ta' dewmien b'medja ta' 87 minuta (Ċart nru 6).

Is-sena l-oħra, is-swali taċ-ċinemas kienu qegħdin iħaddmu medja ta' 110 persuni, li l-maġġoranza tagħhom kienu mqabbda fuq bażi part-time (Tabella nru 12).

## Ċart nru 1. Il-projezzjonijiet bil-pajjiż li minnu jkun oriġina l-film

per cent




## Ċart nru 2. Tul ta' ħin medju bit-tip ta' film

